# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR Dr. Grazio Mercieca LL.D.

**Seduta ta' nhar l-erbgha, 12 ta' Settembru 2001**

**Avviz numru : 16/01GT (GM)**

**Joseph u Antonia konjugi Parnis .**

**-vs-**

**Joseph u Mary Rose konjugi Camilleri .**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi ppremettew :**

**Illi huma proprjetarji tal-fond numru 2 fi Triq il-Professur G. Aquilina, Munxar, Ghawdex, li jikkonfina mill-majistral mal-fond numru 4, ta' l-istess triq appartenenti lill-konvenuti .**

**Illi l-parti mill-hajt divizorju ta' bejn dawn iz-zewg fondi inbniet interament mill-atturi a spejjez taghhom .**

**Illi l-konvenuti recentement bdew xoghol ta' bini fil-proprjeta' taghhom konsistenti fil-kostruzzjoni ta' dar ta' abitazzjoni u gie akkumunat il-hajt divizorju mibni mill-atturi .**

**Talbu li l-konvenuti jigu kkundannati ghall-hlas ta' LM81 kumpens konsegwenzjali ghall-akkomunament tal-hajt divizorju bejn il-fond numru 2 Triq il-Profs Aquilina, Munxar, Ghawdex proprjeta' tal-atturi u l-fond numru 4 tal-istess triq appartenenti lill-konvenuti ;**

**Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati fit-13 ta' Lulju 2001 izda la pprezentaw risposta u l-anqas dehru ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fil-11 ta' Settembru 2001 u dik tal-lum, it-12 ta' Settembru 2001 ;**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata tal-attur li permezz taghha ikkonferma li l-ammont imsemmi fl-avviz ghadu dovut ;**

**Ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995 ;**

**Jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur Joseph u Antonia konjugi Parnis u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' LM81 kumpens konsegwenzjali ghall-akkomunament tal-hajt divizorju bejn il-fond numru 2 Triq il-Profs Aquilina, Munxar, Ghawdex, proprjeta' tal-atturi u l-fond numru 4 tal-istess triq appartenenti lill-konvenuti; bl-ispejjez a kariku tal-konvenuti .**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S1601GtGm
268